MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 263/2006

**A [B] sive C D E**
**vs**
**F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici talbet li hija tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri H I G E, u li jigi fissat modalita' ta' access b' supervizjoni ghall-missier ; kif ukoll sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas lilha rata ta' manteniment, fissata mill-Qorti, ghal din il-minuri;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha cahad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu ;

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant li biha ppremetta u talab hekk :

1. Illi l-esponenti rikonvenjent kellu relazzjoni ma' l-attrici rikonvezjonata minn liema relazzjoni twieldet tarbija, senjatament H I G E.

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ntemmet wara li l-attrici rikonvenzjonata bdiet relazzjoni ma' persuna ohra, senjatament L M li effettivament ghadha mieghu sallum.

3. Illi in oltre l-istess relazzjoni intemmet ukoll minhabba l-agir vjolenti u abbusiv ta' l-attrici rikonvenzjonata li sahansitra kien hemm okkazzjonijiet fejn refghet idejha fuq l-esponenti u dan anke fil-presenza ta' bint il-partijiet.

4. Illi wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet l-esponenti rikonvenjent ghamel diversi tentattivi sabiex il-partijiet jippruvaw isalvaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, b' dan illi ciononostante l-attrici rikonvenzjonata ghazlet illi tippersisti bl-agir irresponsabbli, abbusiv u illegali taghha.

5. Illi effetivament ghall-proceduri ta' medjazzjoni l-esponenti rikonvenjent attenda bil-hsieb illi jintlahaq ftehim bejn il-partijiet, b' dan illi ciononostante certament illi dan ma setax isehh stante illi l-attrici rikonvenzjonata sahansitra ghazlet illi tattendi ghall-istess laqgha ta' medjazzjoni flimkien mal-habib gdid taghha, senjatament L M.

6. Illi l-esponenti jirrileva bir-rispett illi, fl-interess suprem tal-minuri H I, jehtieg illi l-kura u kustodja ta' l-istess minuri tigi fdata f' idejn l-esponenti u dan ghal diversi ragunijiet illi ser jigu ppruvati fil-mori tal-proceduri odjerni.

7. Illi l-attrici rikonvenzjonata sahansitra qed tirrifjuta li tghammed lill-minuri, b' dan illi sa llum l-istess minuri ghadha m' hijix mghammda.

8. Illi l-attrici rikonvenzjonata m' hijix omm adegwata sabiex tiehu hsieb lill-minuri, u dan kif diga' wriet fit-trobbija tat-tifla l-ohra taghha, senjatament K D.

9. Illi ghaldaqstant jehtieg illi l-minuri H I tkun f’ ambjent stabbli li effettivament jista’ joffri l-istess esponenti, li kif jistghu jikkonfermaw ix-xhieda matul il-proceduri, dejjem wera interess kbir u genwin mhux biss f’ bintu izda wkoll f’ bint l-attrici rikonvenzjonata, senjatament K, u dan ghalkemm din m’ hijix bintu.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri H I f’ idejn l-esponenti u fin-nuqqas tordna li l-istess kura u kustodja tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet ;

2. Tawtorizza lill-esponenti jiehu d-decizjonijiet rigward is-sahha, l-edukazzjoni u r-religjon tal-minuri ;

3. Tordna li l-minuri H I ma tigix esposta ghal terzi persuni tas-sess oppost li maghhom l-attrici rikonvenzjonata jista’ jkollha u/jew ghandha relazzjoni

U dan fl-interess suprem tal-minuri H I u dan ukoll taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-attrici rikonvenzjonata li biha rrispondiet hekk :

1. Illi l-ewwel u t-tieni talba ta’ F G ghandha tigi michuda stante illi m’ huwiex fl-interess tal-minuri H I li decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni u r-religjon tal-minuri jittiehdu mill-istess F kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza u aktar talli m’ huwiex fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet u dan stante li F G huwa bniedem aggressiv u huwa difficli hafna li mieghu jkun hemm l-komunikazzjoni mehtiega biex jittiehdu decizjonijiet importanti dwar il-minuri.

2. Illi t-tielet talba ta’ F G ghandha tigi michuda minhabba li l-partijiet m’ humiex mizzewgin u lanqas biss kienu jikkoabitaw ma’ xulxin u ghaldaqstant ma tistax tigi eskluza l-presenza ta’ persuni li l-esponenti jista’ jkollhom

relazzjoni kemm minhabba li ma tezisti l-ebda bazi legali ghal dan kemm-il darba ma jigix ppruvat li tali presenza hija ta' hsara ghall-minuri.

Rat in-nota[1] prezentata mill-attrici fis-17 Marzu 2009 li permezz taghha cediet l-kawza proposta minnha ;

Rat ir-rapport[2] tas-Social Worker Josette Camilleri minnha debitament mahluf ;

Rat id-diversi digrieti moghtija minn din il-Qorti fil-mori tal-kawza, b' mod partikolari dak moghti fis-26 ta' Gunju 2008[3];

Rat il-verbal maghmul mill-konvenut fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009 li permezz tieghu talab li jinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, bid-dritt ta' access kif miftiehem favur l-omm ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

Illi peress li l-azzjoni attrici kienet giet ceduta mill-attrici, il-gudizzju odjern huwa necessarjament limitat ghal kontro talba mressqa mill-konvenut.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, inkluzi l-affidavits prezentati, u semghet ix-xhieda, hija tal-fehema li t-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha; u di piu', huwa fl-interess tal-minuri, li l-kura u kustodja taghha tigi fdata esklussivament f' idejn il-missier, bid-dritt ta' access favur l-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, kif ser jinghad, billi:

---

[1] Fol.180
[2] Fol.40 *et seq.*
[3] Fol.117

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri H I tigi fdata esklussivament f' idejn missierha, il-konvenut, bid-dritt ta' access favur ommha, l-attrici: kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis, u nhar ta' Hadd mid-9.00 am tas-7.00pm; u fiz-zmien ta' l-iskola l-access tat-Tlieta u tal-Hamis ikun mis-1.00 pm sas-7.00pm, filwaqt li dak ta' nhar ta' Hadd jibqa' mid-9.00 am sas-7.00 pm.
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tilqa' t-tielet talba;

L-ispejjez tal-kontro talba jkunu a kariku ta' l-attrici rikonvenzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------